# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Mejju 2017**

**Talba Nru: 139/17 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Adrian Tonna (ID 132692 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-21 ta' Marzu 2017 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' disa' mija u wiehed Euro u tnejn u erbghin centezmu (€901.42) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40436780.

Illi interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 1899/15, u bl-imghaxijiet legali sa mill-14 t'Ottubru 2015, data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficcjali.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta.

Sema' x-xiehda ta' Charmaine Psaila Raji, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

Ra li l-konvenut talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu, izda din it-talba giet michuda, u ghalhekk tqies fi stat ta' kontumacja.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' disa' mija u wiehed Euro u tnejn u erbghin centezmu (€901.42) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40436780.

2. Illi x-xhud Charmaine Psaila Raji ghas-socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier.

3. Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghalhekk illi l-ammont mitlub huwa dovut u ghadu dovut sal-lum, u t-Tribunal m'ghandu ebda raguni ghalfejn jiddubita minn dak mistqarr mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u wiehed Euro u tnejn u erbghin centezmu (€901.42) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur